MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 53/2021 LM

**Doreen Saliba (K.I. 695958M)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Foster Clark Products Limited (C 803)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Foster Clark Products Limited (C 803)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tas-7 ta'

Mejju, 2021, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti **Doreen Saliba (K.I. 695958M)** [hawnhekk 'l-appellata'] minn massoċjetà intimata kienet waħda inġusta, u għaldaqstant it-Tribunal illikwida kumpens fis-somma ta' wieħed u tletin elf, u sitt mitt Euro (€31,600) li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti bħala kumpens mis-soċjetà intimata.

**Fatti**

2. Ir-rikorrenti fl-2014 ġiet impjegata mas-soċjetà intimata bħala *cleaner* fuq bażi *part-time*, u fl-2016 hija ġiet promossa għall-grad ta' *housekeeping leading hand* fuq bażi *full-time* mal-istess kumpannija. Fit-22 t'Awwissu, 2018, matul il-*lean period* tas-sajf, ir-rikorrenti ntalbet tagħti l-għajnuna tagħha lill-*cleaners* tal-kumpannija u tibda tilbes l-uniformi bħalhom, u dan għal perijodu ta' żmien li matulu s-soċjetà intimata ma tantx ikollha xogħol, u għalhekk tnaqqas mill-operat tagħha. Ir-rikorrenti ddeċidiet li tirriżenja mill-impjieg mas-soċjetà intimata wara li tkellmet mad-Department for Industrial and Employment Relations (id-DIER) dwar id-drittijiet tagħha, u wara li kien hemm tentattiv għal ftehim amikevoli anki bl-għajnuna tal-General Workers Union. Wara li r-rikorrenti ħadmet in-*notice period* u spiċċat mix-xogħol, hija fetħet proċeduri kontra s-soċjetà intimata, fejn allegat li dan kien każ ta' *constructive dismissal.*

**Mertu**

3. Permezz tal-ittra tagħha lit-Tribunal Industrijali, ir-rikorrenti spjegat li hija kienet impjegata mas-soċjetà intimata fuq bażi *part-time* bħala *cleaner,* u tul

dak iż-żmien hija ngħatat żewġ promozzjonijiet sal-grad ta' *assistant leading hand* fuq bażi *full-time.* Ir-rikorrenti spjegat li dak iż-żmien ix-xogħol tagħha kien jikkonsisti fis-superviżjoni tax-xogħol ta' tindif, u t-tqassim tar-*roster* tat-tindif. Spjegat li fit-22 t'Awwisu, 2018, hija ngħatat struzzjonijiet verbali sabiex terġa' tilbes l-uniformi ta' *cleaner* u tagħmel xogħol ta' tindif, liema struzzjonijiet ir-rikorrenti qalet li kienu maħsuba biex idejquha. Qalet li għalhekk fit-23 t'Awwissu, 2018, hija tat ir-riżenja tagħha mill-impjieg, iżda għamlitha ċara li jekk tara tibdil fl-attitudni tas-soċjetà intimata hija kienet lesta li tirtira r-riżenja tagħha. Qalet li s-soċjetà intimata, permezz ta' *memorandum* li ntbagħat lilha fl-4 ta' Settembru, 2018, infurmatha li hija kellha tagħmel xogħol ta' *cleaner* tul il-perijodu tal-*lean months,* li matulhom il-kumpannija ma tantx ikollha xogħol. Ir-rikorrenti qalet li meta rat li l-attitudni tas-soċjetà intimata ma kinitx ser tinbidel, hija telqet mill-impjieg fi tmiem in-*notice period* tagħha, jiġifieri fis-26 ta' Ottubru, 2018. In vista ta' dawn il-fatti kif spjegati minnha, ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara li dan l-aġir tas-soċjetà intimata kien jammonta għal *constructive dismissal.*

4. Flimkien mal-ittra tagħha lit-Tribunal, ir-rikorrenti ppreżentat ukoll kopja tal-kuntratt tal-impjieg tagħha mas-soċjetà intimata, kif ukoll korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet wara t-22 t'Awwissu, 2018. Mill-kopja tal-*memorandum* mibgħuta lir-rikorrenti fl-4 ta' Settembru, 2018, jirriżulta li s-soċjetà intimata kienet ser iżżomm lir-rikorrenti impjegata fil-grad li kienet fih ta' *assistant leading hand*, bis-salarju li kellha f'dan il-grad, iżda hija kienet

qiegħda tintalab tagħmel ukoll ix-xogħol ta' *cleaner* matul il-*lean period,* kif ukoll intalbet tissostitwixxi lill-*housekeeper* f'każ li din tkun nieqsa minn fuq ix-xogħol għal xi raġuni.

5. Is-soċjetà intimata ħadet il-pożizzjoni li t-Tribunal huwa prekluż milli jisma' l-każ għaliex kienu laħqu għaddew l-erba' xhur ikkontemplati fl-artikolu 75 tal-Kap. 452. Is-soċjetà intimata żiedet tgħid li t-Tribunal huwa prekluż ukoll milli jieħu konjizzjoni tal-każ għaliex kien hemm ftehim bonarju pattwit u konkluż bejn ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata li jorbot lill-partijiet, u għalhekk ir-rikorrenti ma setgħetx tipproċedi bi proċeduri quddiem it-Tribunal. Intqal ukoll li dan huwa każ ta' riżenja volontarja u li ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' tkeċċija jew ta' *constructive dismissal* kif qiegħda tallega r-rikorrenti, u li ma jeżistux l-elementi legali rikjesti sabiex dan il-każ jitqies bħala *constructive dismissal.* Is-soċjetà intimata qalet li r-rikorrenti ħadmet in-*notice period* daqs li kieku ma ġara xejn, wara li kienet innotifikat lis-soċjetà intimata bir-riżenja tagħha.

6. Ix-xhud **Kenny Muscat**, rappreżentant tal-General Workers Union, spjega li r-rikorrenti kienet membru tal-*General Workers Union*, u kienet irrikorriet għall-għajnuna tal-Union meta kellha dan il-każ. Qal li oriġinarjament kienet issemmiet ċifra bħala *settlement*, li kienet tidher li kienet ser tkun aċċettabbli għar-rikorrenti, u kien hemm komunikazzjoni mas-soċjetà intimata f'dan is-sens. Ix-xhud kompla jgħid li finalment ma kienx hemm ftehim dwar ċifra li setgħet kienet aċċettabbli għar-rikorrenti, u għalhekk ma kien hemm l-ebda tranżazzjoni finali bejn il-partijiet. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-

xhud ikkonferma li waħda mill-preokkupazzjonijiet tar-rikorrenti kienet l-età tagħha, u l-fatt li hija kienet waslet biex tagħlaq sittin sena, u għalhekk kienet qiegħda tibża' li ma kinitx ser issib xogħol alternattiv.

7. Ir-rikorrenti, fix-xhieda tagħha qalet li hija kienet tkellmet fuq ċifra li setgħet titħallas lilha bħala kumpens għaliex hija kienet waslet għall-età tal-irtirar. Qalet ukoll li meta xi ħadd mis-soċjetà intimata kien ċemplilha u talabha tmur għaċ-ċekk li kien offrut lilha bħala kumpens mat-terminazzjoni tal-impjieg, u semmielha s-somma li kienet ser titħallas lilha, hija rrifjutat għaliex dehrilha li dan l-ammont ma kienx aċċettabbli għaliha, anki wara li kkonsidrat kemm kien fadlilha taħdem sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

8. F'xhieda tagħha, ir-rikorrenti qalet li hija ngħatat żewġ promozzjonijiet kemm damet fl-impjieg mas-soċjetà intimata. Qalet li meta laħqet *assistant housekeeper* hija kienet mistennija li ddur seba' fabbriki sabiex tissorvelja l-indafa, li tixtri l-affarijiet għall-*canteen,* li tixtri d-deterġenti meħtieġa, tagħmel *stock-taking* u tarma l-*boardroom.* Hija spjegat li jum fost l-oħrajn hija daħlet ix-xogħol wara l-*leave,* u avviċinatha ċerta Graziella Vella, *housekeeper,* li qaltilha li mill-għada hija kellha tirrapporta għax-xogħol bl-uniformi tal-*cleaners* u kellha tassisti fit-tindif. Qalet li dak il-ħin ħassitha ddispjaċuta għat-trattament li ngħatat, u għalhekk ċemplet lid-DIER sabiex tara l-pożizzjoni tagħha x'kienet ser tkun. Qalet li sussegwentement hija ħadet id-deċiżjoni li titlaq mill-impjieg. Ir-rikorrenti qalet li minkejja li hija ppruvat tfittex xogħol alternattiv, sabitha diffiċli ssib impjieg ieħor minħabba l-età tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija ddeċidiet li

tagħti n-*notice* wara li ġiet infurmata li tul il-perijodu tan-*notice* hija kienet ser iżżomm il-grad ta' *leading head housekeeper.*

9. Ix-xhud **Steve Vella** qal li fiż-żmien in kwistjoni huwa kien Kap tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà intimata, u r-rikorrenti kienet tirrapporta lilu. Qal li r-rwol li kienet tokkupa r-rikorrenti nħoloq għaliex it-tindif kien isir fuq perijodu twil ta' ħin, u biex issir is-superviżjoni tax-xogħol ta' tindif kienet meħtieġa aktar minn persuna waħda. Qal ukoll li r-rikorrenti kienet mistennija li tassumi r-rwol ta' ħaddiema li jkunu assenti għal xi raġuni. Ix-xhud qal li meta r-rikorrenti kienet infurmatu li xtaqet titlaq mill-impjieg, hija kienet qaltlu li qiegħda tagħmel għaliex ingħatat struzzjonijiet li ma qablitx magħhom. Qal ukoll li l-*collective agreement* tal-ħaddiema tas-soċjetà intimata kien jippermetti li waqt il-*lean period* xi ħaddiema jintalbu jagħmlu xogħol fi grad inqas mill-grad uffiċjali tagħhom, iżda l-grad u l-paga tal-impjegat ma jintmessux. Ix-xhud qal li huwa ħassu ddispjaċut li r-rikorrenti kienet iddeċidiet li tirriżenja mill-impjieg, u għalhekk kien talabha tikkonsidra l-*grievance procedure* li jaħseb għaliha l-*collective agreement.* Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud spjega li s-soċjetà intimata għandha *pattern* ta' negozju li f'partijiet tas-sena jkun hemm ħafna xogħol, filwaqt li f'partijiet oħra tas-sena ma jkunx hemm daqshekk volum ta' xogħol, u għalhekk il-ħaddiema kienu mdorrija jkunu flessibbli u jibdlu x-xogħol tagħhom skont il-*business plan* tal-kumpannija. Qal li l-*grievance procedure* kienet inħolqot sabiex tagħti vuċi lill-impjegat li ma jaqbilx mad-deċiżjonijiet tal-*management,* u din il-proċedura ntużat diversi drabi tul is-snin.

Ix-xhud qal ukoll li meta r-rikorrenti marret fl-uffiċċju tiegħu sabiex tilmenta mid-deċiżjoni tal-*management,* hija kienet determinata li tirriżenja mill-impjieg.

10. **Maurice Calleja**, impjegat mas-soċjetà intimata, li għal xi żmien kien inkarigat mill-*housekeeping* fil-kumpannija, fl-*affidavit* tiegħu spjega li r-rikorrenti oriġinarjament kienet impjegata bħala *cleaner* u sussegwentement inħasset il-ħtieġa li waħda mill-*cleaners* tintalab tassisti lill-*housekeeper* fil-*peak season,* u r-rikorrenti ġiet appuntata f'dan ir-rwol. Qal ukoll li dak iż-żmien wieħed mis-superjuri tiegħu kien infurmah li ma kienx hemm il-ħtieġa li r-rikorrenti tibqa' tagħmel xogħol flimkien mal-*housekeeper,* għaliex ma kienx hemm għalfejn li dak ix-xogħol isir minn tnejn min-nies, u għalhekk huwa kien avviċina lir-rikorrenti u lil ċerta Graziella Vella, u qalilhom li ċertu xogħol ma kellhomx għalfejn jagħmluh flimkien, għaliex dan kien qiegħed iwassal għal ħela ta' ħin fil-kumpannija. Qal ukoll li kien għalhekk li ġie deċiż mill-*management* li r-rikorrenti kellha tibda tagħti l-għajnuna tagħha lill-*cleaners*, u li kellha terġa' tibda tilbes l-uniformi bħalhom. Qal li meta r-rikorrenti ġiet infurmata b'din id-deċiżjoni, hija uriet li ma ħaditx gost u li ma kinitx ser taċċetta l-istruzzjonijiet il-ġodda mogħtija lilha. Qal li hija kienet infurmatu li kienet fi ħsiebha tirriżenja mill-impjieg għaliex kienet qiegħda tiġi mġiegħela tagħmel xogħol ta' *cleaner,* u żied jgħid li hija fl-ebda punt ma staqsietu jekk din id-deċiżjoni kinitx waħda temporanja jew permanenti. Qal li huwa talab lir-rikorrenti taħsibha mill-ġdid, iżda hija ddeċidiet li tibgħat ir-riżenja tagħha lit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-kumpannija.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-7 ta' Mejju, 2021, it-Tribunal ikkonkluda li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti kienet waħda inġusta, u għal din ir-raġuni llikwida l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti fis-somma ta' wieħed u tletin elf u sitt mitt Euro (€31,600), u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Konsiderazzjonijiet***

*Il-Qorti tal-Appell ippreseduta mill-Imħallef Lawrence Mintoff nr 83/2019 fil-każ ta' Roderick Azzopardi kontra Malta Public Transport Services (Operations) Ltd jiddeskrivi* "constructive dismissal" *bħala sitwazzjoni fejn il-ħaddiem ġie mġiegħel u kostrett li jirriżenja mill-impjieg kontra r-rieda tiegħu.*

*Għalhekk it-Tribunal ried iħares lejn diversi ċirkostanzi biex:*

1. *Jara x'kienu r-raġunijiet li wasslu għar-riżenja;*
2. *Jevalwa jekk dawn ir-raġunijiet kinux serji biżżejjed li nkiser parti fundamentali tal-kuntratt tax-xogħol jew li kien hemm serje ta' sitwazzjonijiet li meta tpoġġihom flimkien joħolqu ambjent tant diżmali u mhux aċċettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq oħra ħlief li jirriżenja,*
3. *Jevalwa jekk ir-riżenja kinitx direttament marbuta mar-raġunijiet li għamlu l-ħajja tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol insopportabbli,*
4. *Jevalwa jekk kienx hemm proċess fejn il-ħaddiem poġġa l-ilmenti tiegħu quddiem is-superjuri tiegħu biex ikunu riżolti l-istess ilmenti,*
5. *Jevalwa jekk il-management jew dawk responsabbli ħadux l-ilmenti bis-serjetà u jekk għamlux ħilithom biex ikunu riżolti b'mod ġust,*
6. *Jittawwal ukoll lejn iż-żmien li għadda bejn meta l-ilment ġie għad-deher tal-management u l-azzjoni tar-riżenja, iġifieri kemm l-effett tar-riżenja kien konsegwenza tal-kawża tal-ilment mhux mismugħ,*
7. *Jissendika l-ittra tar-riżenja u jara l-konsistenza jew in-nuqqas tagħha bejn dak li hu miktub u r-raġunijiet miġjuba għar-riżenja.*

*<u>Ksur fundamentali tal-kuntratt tax-xogħol</u>*

*Fil-każ 2660/FM 2010 ta' Sarah De Marco u Malta University Residence Litd, it-Tribunal jikkwota lill-Imħallef Arnold tal-Qrati Ingliżi fejn qal:*

"in order to justify a conclusion of constructive dismissal one has to consider whether the conduct complained of constitutes either a fundamental breach of the contract or a fundamental breach of a fundamental term of the contract."

*Għalhekk l-ewwel ħaġa li t-Tribunal ħares lejha kienet jekk kienx hemm ksur fondamentali ta' xi kondizzjoni tal-kuntratt tax-xogħol li jista' jikkostitwixxi* "constructive dismissal"*.*

*Il-Qorti tal-Appell fil-każ 83/2019 jelabora ma' dan u jgħid li f'kuntest ta'* "constructive dismissal" *irid ikun ikkonsidrat il-*"contract test" *li jeżamina l-imġiba min-naħa ta' min iħaddem u jara jekk l-intenzjoni tiegħu kinitx li jibqa' jew ma jibqax josserva l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-impjieg.*

*Fl-affidavit tiegħu datat 21 ta' Ottubru, 2020, is-Sur Calleja kien qal li l-kumpannija kienet iddejqet tara lis-Sinjura Doreen Saliba u lil Housekeeper tagħha s-Sinjura Graziella Vella jagħmlu xogħolhom flimkien għaliex ma kienx hemm bżonn għal żewġ impjegati sabiex jagħmlu xogħol wieħed. Hu żied li kien jagħtihom il-parir li minflok għandhom jaqsmu x-xogħol bejniethom. Is-Sur Calleja jgħid li kien proprju s-CEO tal-kumpannija s-Sur Joseph Busuttil li ta struzzjonijiet lis-Sur Calleja biex is-Sinjura Saliba terġa' tibda tagħmel xogħol ta' cleaner u tilbes l-uniformi ta' cleaner. Din l-ordni kellha tibda mill-għada li ngħatat l-ordni.*

*Dan kien korroborat mill-memo tas-Sur Steve Vella fejn waqt li nfurmaha li l-kumpannija kienet ser tħalliha żżomm l-istatus tagħha u anki s-salarju li kellha, madanakollu ma reġax ħa lura l-ordni li s-Sinjura Saliba terġa' tagħmel xogħol ta' cleaner.*
*Meta impjegat tibdillu x-xogħol tiegħu u tagħtih xogħol inferjuri għal dak li kellu, il-ħaddiem ġustament iħossu umiljat u d-dinjità tiegħu se tkun affettwata. Għalhekk it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-kumment tas-Sur Steve Vella meta qal:*

"the company was going to mantain your status as lead cleaner".

*Għaliex ir-realtà turi li s-Sinjura Saliba ġiet* "demoted" *u n-nomenklatura ta'* "lead cleaner" *ma baqgħetx tagħmel sens. Deċiżjoni bħal din turi nuqqas ta' għarfien dwar*

*l-importanza li għandhom l-aspetti varji li jikkostitwixxu l-*well-being *tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol fejn il-flus mhumiex l-uniku ħaġa li jikkonsidraw.*

*Ħafna drabi r-rwol li ħaddiem ikollu fl-impjieg tiegħu jiddefinixxih u jagħtih identità li tgħin il-motivazzjoni tal-ħaddiem u allura l-*well-being *tiegħu. Għalhekk meta ħaddiem iġorr ir-responsabbilità fuq il-post tax-xogħol, ikun qed juri commitment favur il-kumpannija, ikun qed juri l-ħila tiegħu li jagħmel kontribut effettiv u quddiem il-kollegi tiegħu jkun qed juri r-relevanza tiegħu għall-kumpannija. Meta l-management, b'mod arbitrarju, jieħu deċiżjoni li biha jieħu lura r-responsabbilità u l-awtorità li l-ħaddiem kien qed iġorr sa dak il-mument, il-management ikun qed jibgħat messaġġ negattiv dwar il-kontribut, ir-relevanza u l-valur tal-ħaddiem. Dan jimbarazzah ukoll bil-kbir lill-ħaddiem quddiem il-kollegi. Għalhekk il-bdil fir-rwol tax-xogħol tas-Sinjura Doreen Saliba kien ksur fundamentali fil-kuntratt tal-impjieg u għaldaqstant ġustament ħassitha frustrata u rrabjata.*

*L-imġiba tal-management kien wieħed ċar li kemm-il darba l-ordni ma tkunx aċċettata, il-kumpannija ma kinitx se tkompli bil-kuntratt tax-xogħol. Infatti minkejja li s-Sinjura Saliba ttamat li l-inġustizzja li sofriet tkun riversjata biex kif qalet hi tibqa' fl-impjieg il-kumpannija kienet interessata biss li tagħmel* settlement *finanzjarju biex ittemm l-impjieg tas-Sinjura Doreen Saliba.*

*Għalhekk it-Tribunal jaqta' li l-azzjoni tal-management li jibdel in-natura tax-xogħol tas-Sinjura Doreen Saliba kien ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xogħol u li l-intenzjoni tal-management kien li ma jkomplux bil-kuntratt tax-xogħol tar-rikorrenti.*

*It-Tribunal ħares ukoll għal fatt li deċiżjoni bħal din ittieħdet arbitrarjament u bla konsultazzjoni mal-ħaddiem. Is-Sinjura Saliba lanqas kellha ċ-ċans li tagħti almenu l-opinjoni tagħha imma sabet deċiżjoni ta' tibdil fin-natura tax-xogħol tagħha bħala "*take it or leave it"*. Il-memorandum tas-Sur Steve Vella huwa ċar biżżejjed biex juri li l-kumpannija ħasset li kellha s-setgħa li tibdel ix-xogħol tar-rikorrenti anki kontra r-rieda tas-Sinjura Saliba.*

*Fil-każ 2295/2007 Anne Bharwani u MIM Training and Development Services Limited, it-Tribunal kien stqarr li:*

"li skont il-prinċipju antikissimu li pacta sunt servanda, kull qbil bejn żewġ partijiet jew aktar jista' jinbidel bi qbil bejn l-istess partijiet, sakemm ma jingħadx mod ieħor." It-Tribunal ikompli li f'kuntratt bilaterali l-ebda parti għal kuntratt ma għandha aktar

saħħa minn oħra, tant li tista' tibddel il-kondizzjonijiet tal-kuntratt u timponih fuq parti oħra."

*Għalhekk it-Tribunal jaqta' li l-management qatt ma seta' jibdel in-natura tax-xogħol tas-Sinjura Saliba mingħajr il-kunsens tagħha.*

*It-Tribunal ħares ukoll lejn l-ispedezza li bih imxiet is-Sinjura Saliba bejn iż-żmien li saret taf li r-rwol tagħha kien ser jinbidel arbitrarjament, u d-deċiżjoni tagħha li tirriżenja. It-Tribunal jara sitwazzjoni ta' kawża u effett ċar għaliex meta s-Sur Calleja infurmaha bit-tibdil fir-rwol tagħha, is-Sinjura Saliba mal-ewwel qaltlu li jekk jimponu dik id-deċiżjoni hi kienet ser tirriżenja. Infatti s-Sur Calleja jgħid li:*

"Tajtha suġġeriment sabiex issegwi l-istruzzjonijiet imbagħad tara x'jiġri, però m'aċċettatx din il-proposta."

*It-Tribunal jara rieda soda u kjarezza fil-ħsieb tas-Sinjura Saliba u għalhekk rabta sħiħa bejn l-azzjoni li kienet kemm seħħet u d-deċiżjoni tagħha li tirriżenja.*

*It-Tribunal jinnota li l-ittra tar-riżenja tkompli turi din il-kjarezza fil-ħsieb meta b'ton ta' protesta s-Sinjura Saliba tgħid:*

"I was forced to do so because from a leading hand they wanted me to return as a cleaner as I was before. I feel that this is unfair on me."

***Deċiżjoni***

*Wara li t-Tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjonijiet ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrenti s-Sinjura Doreen Saliba kienet terminata mix-xogħol inġustament, it-terminazzjoni tal-impjieg tagħha ma kienx skont il-liġi u għalhekk kien każ leġittimu ta' "*constructive dismissal."

***Kumpens***

*Is-soċjetà konvenuta Foster Clark Products Limited tħallas b'kumpens lis-Sinjura Doreen Saliba s-somma ta' wieħed u tletin elf u sitt mitt euro (€31,600) fi żmien sitt ġimgħat mid-data tad-deċiżjoni."*

## **L-Appell**

12. Is-soċjetà intimata appellat minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal fis-17 ta' Mejju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata numru 2732 mogħtija mit-Tribunal Industrijali u l-parti rilevanti tad-deċiżjoni preliminari numru 2604 u tiddeċiedi li t-terminazzjoni mill-impjieg saret minħabba riżenja voluntarja tal-appellata u li l-elementi legali ta'* constructive dismissal *ma ġewx sodisfatti jew (b) tiddeċiedi li tħassar u tirrevoka l-parti rilevanti tad-deċiżjoni preliminari numru 2604 u b'hekk tiddikjara li t-Tribunal Industrijali ma kellux ikompli jisma' l-każ peress li kien hemm ftehim validu bejn il-partijiet jew (ċ) mingħajr preġudizzju għat-talbiet l-oħra, tħassar u tirrevoka l-parti tad-deċiżjoni dwar il-kumpens u tordna li l-atti jintbagħtu lura lit-Tribunal Industrijali sabiex l-istess Tribunal jerġa' jevalwa l-kumpens fl-isfond tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti."*

13. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal u qalet li l-parti tad-deċiżjoni dwar il-*constructive dismissal* hija legalment żbaljata għaliex f'dan il-każ il-kriterji għal *constructive dismissal* ma ġewx sodisfatti. L-appellanta spjegat li l-kunċett ta' *constructive dismissal* ħareġ mill-każistika tal-Qrati Ingliżi, biex jagħti dritt legali lill-impjegat fejn xi element fundamentali tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu jinkiser mill-prinċipal, b'tali mod li l-impjegat ma jkollux triq oħra għajr li jitlaq mill-impjieg tiegħu. L-appellanta żiedet tgħid li sabiex ikun hemm *constructive dismissal,* l-azzjoni tal-kumpannija trid tkun *an unreasonable response in all the circumstances.* L-appellanta qalet li f'dan il-każ il-miżuri imposti fuq l-appellata kienu temporanji u maħsuba biex japplikaw biss waqt il-*lean period* meta ma tantx kien hemm xogħol fi ħdan il-kumpannija, u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li ma kinux raġonevoli. Żiedet tgħid

li l-appellata kienet ser iżżomm il-grad u s-salarju li kellha, u l-appellata qatt ma ħadmet bħala *housekeeper,* iżda biss bħala *housekeeping leading hand,* u għalhekk ma kienx hemm l-elementi neċessarji biex jiġi deċiż li l-appellata ġiet *demoted* kif ikkonkluda t-Tribunal Industrijali.

14. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Qrati Ingliżi u anki t-Tribunal Industrijali f'Malta, jenfasizzaw żewġ elementi essenzjali li għandhom jiġu sodisfatti biex jiġi stabbilit każ ta' *constructive dismissal.* Qalet li fl-ewwel lok irid ikun hemm ksur tal-kuntratt tax-xogħol jew l-imminar unilaterali tal-fiduċja reċiproka b'mod serju u ppruvat, u fit-tieni lok ir-reazzjoni tal-ħaddiem għall-allegat ksur trid tkun waħda immedjata u meħuda tempestivament. L-appellanta spjegat li l-ksur fundamentali huwa meħtieġ li jolqot l-elementi bażiċi tal-kuntratt b'tali mod li huwa ovvju li l-azzjoni ta' min iħaddem tista' tinftiehem minn persuna oġġettiva biss bħala tkeċċija. Qalet li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ksur jew allegat ksur tal-kuntratt ghaliex din il-miżura raġonevoli kellha tkun waħda temporanja matul il-*lean period,* u matul dan il-perijodu l-appellata kellha żżomm l-istess grad u l-istess salarju li kienet tgawdi qabel. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellata żammet il-grad u t-titolu ta' *housekeeping leading hand* anki matul il-perijodu tan-*notice.* Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li wieħed mill-elementi essenzjali biex jitqies li kien hemm *constructive dismissal,* hija ir-reazzjoni immedjata tal-impjegat bħala konsegwenza ta' att jew atti ta' min iħaddmu, li jġiegħlu lill-impjegat jemmen li m'għandu l-ebda għażla oħra ħlief li jittermina l-impjieg tiegħu b'mod immedjat. Qalet li dan ir-rekwiżit ta' azzjoni immedjata ma kienx sodisfatt ladarba l-appellata kompliet taħdem in-*notice*

*period* kollu, u għalhekk minn din l-azzjoni għandu jirriżulta li hija rrinunzjat għall-*claim* ta' *constructive dismissal.* Is-soċjetà appellanta qalet li għad li t-Tribunal Industrijali elenka fid-deċiżjoni tiegħu l-imsemmija elementi essenzjali, huwa naqas milli japplikahom għall-fatti li ġew ippreżentati quddiemu. Żiedet tgħid li filwaqt li naqas milli jagħmel dan, it-Tribunal ikkonkluda li f'dan il-każ kien hemm *demotion* u li l-kuntratt tax-xogħol ġie lez.

15. It-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa dwar l-ewwel parti tad-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali tal-21 ta' Ġunju, 2019, fir-rigward ta' dak li huwa l-allegat ftehim bejn il-partijiet kif deskritt f'paġni 4 sa 6 tad-deċiżjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li dik il-parti tad-deċiżjoni hija legalment żbaljata għaliex kien hemm qbil ċar u kunsenswali bejn is-soċjetà appellanta u l-avukat tal-appellata, bi ftehim komplut u sottomess għall-firma, frott il-konklużjoni ta' ftehim bonarju u konsenswali fejn l-elementi ta' offerta u aċċettazzjoni tal-offerta kienu preżenti. L-appellanta qalet li għalhekk dan il-ftehim kien wieħed legali u li jorbot lill-partijiet, u *ai termini* tal-artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili, malli l-partijiet laħqu ftehim bejniethom, dan ħoloq drittijiet u obbligazzjonijiet, irrispettivament minn jekk l-appellata rrispettatx dan l-arranġament meta reġgħet lura minn kelmitha wara li n-negozjati ġew konklużi. Is-soċjetà appellanta qalet li l-appellata ma kellhix dritt tħassar dan il-ftehim unilateralment.

16. It-tielet aggravju tas-soċjetà appellanta huwa fis-sens li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal naqas milli jispjega kif wasal għall-

kumpens ta' €31,600, kif inhuwa mitlub minnu fl-artikolu 220 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kompliet tgħid li mhux legalment possibbli li t-Tribunal Industrijali jakkorda kumpens li huwa ekwivalenti għal tliet snin paga lil persuna li kienet ilha taħdem ma' kumpannija għal mhux aktar minn erba' snin, mingħajr ma jiġi spjegat it-Tribunal kif wasal għal din id-deċiżjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk it-Tribunal kellu d-dmir legali li jiddetermina l-kumpens b'mod loġiku u raġunat u mhux jikkonkludi li għandu jingħata kumpens mingħajr ebda raġunament kif inhu rikjest minn kwalunkwe ġudikant jew tribunal bħal dan.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

17. L-appellata wieġbet li d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, l-appellata qalet li fl-ewwel lok irid jiġi definit il-kunċett ta' *constructive dismissal* u l-kriterji li jridu jiġu sodisfatti sabiex jingħad li kien hemm *constructive dismissal.* Kompliet tgħid li minkejja li l-Liġi Maltija ma tagħti l-ebda definizzjoni tal-kunċett ta' *constructive dismissal,* ħafna drabi l-Qrati tagħna jibbażaw ruħhom fuq il-każistika tal-Qrati Ingliżi, u l-appellata għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie elaborat dan il-punt. L-appellata qalet it-Tribunal spjega li huwa kien qies iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-riżenja tagħha; evalwa jekk dawn kinux serji biżżejjed biex jista' jingħad li nkiser xi parti fundamentali mill-kuntratt tax-xogħol; kienx hemm sensiela ta'

sitwazzjonijiet li meta wieħed jikkonsidrahom flimkien jasal biex jikkonkludi li nħoloq ambjent tant diżmali u mhux aċċettabbli għall-impjegata li għalhekk ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tirriżenja; evalwa jekk ir-riżenja kinitx direttament marbuta mar-raġunijiet li għamlu l-ħajja tal-impjegata insopportabbli; evalwa jekk kienx hemm proċess fejn l-impjegata poġġiet l-ilment tagħha quddiem is-superjuri tagħha; evalwa jekk il-*management* jew dawk responabbli ħadux l-ilment bis-serjetà u jekk għamlux ħilithom biex isolvuh b'mod ġust; ikkonsidra ż-żmien li għadda bejn meta l-ilment tpoġġa quddiem il-*management* u l-azzjoni tar-riżenja, u kkonsidra l-ittra ta' riżenja. Qalet li għalhekk it-Tribunal analizza fid-dettall ir-raġunijiet li wasslu għar-riżenja tagħha mill-impjieg. L-appellata qalet li filwaqt li għandu jirriżulta li huwa minnu li hija qatt ma ħadmet bħala *housekeeper,* u minkejja li hija tħalliet iżżomm il-grad ta' *housekeeping leading hand* kif ukoll is-salarju li kellha, l-ordni li hija taħdem bħala *cleaner* baqgħet qatt ma ġiet irtirata. L-appellata qalet ukoll li l-miżura li s-soċjetà appellanta qiegħda tgħid li kienet waħda temporanja, baqgħet qatt ma ġiet diskussa magħha, iżda kienet sempliċement deċiżjoni imposta fuqha. Qalet li f'każ fejn min iħaddem iħoss li m'għandux jibqa' josserva l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' impjieg, fejn f'dan il-każ kien ifisser illi jimponi fuq l-appellata rwol differenti ta' grad inqas minn dak illi hija kienet tokkupa mas-soċjetà appellanta, dan kellu jsir b'diskussjoni u qbil magħha, anki f'każ li dan it-tibdil kien wieħed temporanju. Qalet li bidla f'kuntratt ta' impjieg, bħal fi kwalunkwe kuntratt ieħor ma tistax issir arbitrarjament minn parti waħda iżda għandu jkun hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet. Kompliet tgħid li fin-nuqqas ta' qbil jew diskussjoni,

meta bidla fl-irwol tal-impjegata tiġi imposta fuqha u l-ordni tibqa' ma tiġix irtirata minn min ikun taha, il-bidla għandha titqies bħala *demotion,* bl-intiża li dak li jkun jitlaq mix-xogħol. Qalet li l-fatt li s-salarju u t-titolu ta' *housekeeping leading hand* ma nbidlux formalment ma jfissru xejn għaliha, għaliex il-fatt li hija ntalbet tagħmel xogħol u tilbes uniformi ta' *cleaner* kienu jfissru *demotion* għaliha. Qalet ukoll li fil-prattika din id-deċiżjoni u ordni wasslet sabiex hija tħossha umiljata fuq il-post tax-xogħol. L-appellata qalet li fl-ittra ta' riżenja tagħha hija għamlitha ċara li kienet qiegħda tirriżenja b'mod mhux volontarju għaliex ħasset li ma kellha l-ebda għażla oħra fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Qalet ukoll li l-fatt li hija ħadmet in-*notice period* tagħha ma jibdel xejn mill-fatt li r-riżenja kienet ikkawżata min-nuqqas tas-soċjetà appellanta li tonora l-kuntratt ta' impjieg. Qalet li dak li jgħodd huwa l-fatt li hija issottomettiet minnufih l-ittra ta' riżenja tagħha minħabba fin-nuqqas tas-soċjetà appellanta li tonora l-kuntratt ta' impjieg.

18. L-appellata żiedet tispjega li minkejja li hija tat l-ittra ta' riżenja tagħha fit-23 t'Awwissu, 2018, sussegwentement hija attendiet għal għadd ta' laqgħat u diskussjonijiet mas-soċjetà appellanta bil-ħsieb li jintlaħaq xi tip ta' ftehim aċċettabbli għaż-żewġ partijiet. Qalet li hija kompliet taħdem mas-soċjetà appellanta minkejja li t-terminu tan-*notice period* kien għadda, jiġifieri sas-26 ta' Ottubru, 2018, għaliex hija kienet qegħda tittama li s-soċjetà appellanta treġġa' lura lill-appellata għall-kundizzjonijiet ta' impjieg kif kienu qabel id-demozzjoni. Qalet ukoll li imbagħad irrealizzat li dawn id-diskussjonijiet ma kienu ser iwasslu imkien, għaliex is-sitwazzjoni tagħha fuq il-post tax-xogħol baqgħet kif kienet, u

għalhekk ħasset li kellha tieqaf mill-impjieg tagħha b'mod definit u immedjat. Qalet ukoll li hija ħassitha aggravata bl-aġir dispreġattiv, kontinwu u repetittiv tas-soċjetà appellanta li baqgħet ma tatx widen u ma ħadet l-ebda azzjoni rigward l-istat tal-impjieg tal-appellata.

19. L-appellata għamlet riferiment għat-tieni aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, u qalet li dan l-aggravju kif propost huwa improponibbli u improsegwibbli, u dan għaliex id-deċiżjoni preliminari mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2019, kienet diġà ġiet appellata mis-soċjetà appellanta, u dan l-appell ġie deċiż fit-12 ta' Ġunju, 2020, u għalhekk dik id-deċiżjoni għaddiet in ġudikat. L-appellata kompliet tgħid li fil-fatt is-soċjetà appellanta kienet għażlet li tappella biss mit-tieni parti tad-deċiżjoni preliminari, u għalhekk għandu jkun mifhum li is-soċjetà appellanta qablet mal-ewwel parti tad-deċiżjoni preliminari. Qalet li kieku huwa minnu li s-soċjetà appellanta ma qablitx mal-ewwel parti tad-deċiżjoni preliminari, ma kien hemm xejn xi jwaqqafha milli titlob it-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni preliminari in toto u mhux in parte kif sar.

20. L-appellata kompliet tgħid li l-ftehim li tagħmel riferiment għalih is-soċjetà appellanta ma kienx wieħed validu għaliex dan il-ftehim kien intlaħaq bejn is-soċjetà appellanta u l-avukat tal-appellata, u mhux mal-appellata nnifisha. Fil-fatt, is-soċjetà appellanta stess tgħid li dan l-abbozz ta' ftehim ġie sottomess għall-firma tal-persuni kkonċernati, imma dan il-ftehim finalment ma ġiex iffirmat miż-żewġ partijiet. Qalet li għalhekk l-appellanta ma tistax tgħid li hija reġgħet lura minn kelmtha, għaliex fil-verità ma kien hemm l-ebda ftehim

iffirmat. L-appellata qalet ukoll li ma jistax jingħad li kien hemm il-kunsens tagħha sempliċiment għaliex fl-ittra l-Avukat Anthea Witney Turner infurmat lis-soċjetà appellanta li ċ-ċifra ta' €12,000 ġiet aċċettata mill-appellata. Qalet li sabiex l-avukat jew l-*union* tagħti l-kunsens finali u tidħol fi ftehim bħal dan għan-nom tagħha, din kellha tikseb il-mandat jew il-prokura tal-appellata, xi ħaġa li ma saritx, u għalhekk ma kien hemm l-ebda rappreżentanza valida tal-appellata u hija ma tistax titqies li kienet parti minn dak il-ftehim. Qalet li l-element tal-'kunsens' (l-artikolu 996 tal-Kodiċi Ċivili) kien nieqes għal kollox f'dan il-ftehim, u hija qatt ma ġiet infurmata bit-termini ta' tali ftehim.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellata u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* [*il-kunċett ta'* constructive dismissal]

22. Il-kwistjoni ewlenija bejn il-partijiet f'din il-kawża, hija dwar jekk il-fatti kif seħħew jammontawx għal *constructive dismissal* tal-appellata mill-impjieg mas-soċjetà appellanta. Filwaqt li s-soċjetà appellanta tgħid illi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata ma kinitx tammonta għal *constructive dismissal,* l-appellata tikkontendi t-talba li saritilha mid-diriġenti tas-soċjetà appellanta, sabiex matul il-*lean period* taħdem bħala *cleaner* u tilbes l-uniformi bħall-

kumplament tal-*cleaners,* tammonta għal imġiba maħsuba biex lilha ddejjaqha sal-punt li tkun kostretta li titlaq mill-impjieg. Mill-provi jirriżulta li l-appellata kienet ilha impjegata mas-soċjetà appellanta madwar sentejn, meta ġiet promossa għall-grad ta' *housekeeping leading hand,* b'salarju aħjar milli kellha qabel, u b'xogħol li kien differenti minn dak li kienet tagħmel meta kienet taħdem bħala *cleaner.* Jirriżulta wkoll li kull tant żmien, l-operat tal-kumpannija kien jara tnaqqis fix-xogħol, u għalhekk il-ftehim kollettiv tal-kumpannija jipprovdi għal sitwazzjoni fejn il-ħaddiema tal-kumpannija jistgħu jintalbu jagħmlu xogħol differenti minn dak li jagħmlu soltu, u dan bil-ħsieb li r-riżorsi umani tal-kumpannija jintużaw bl-aħjar mod. Kien proprju waqt wieħed minn dawn il-*lean periods* li l-appellata ġiet avviċinata mill-*housekeeper* u ntalbet terġa' tibda tilbes l-uniformi ta' *cleaner,* u tibda tassisti lill-*cleaners* fix-xogħol tagħhom, mingħajr tibdil fis-salarju u mingħajr tibdil fil-grad tagħha. Jirriżulta li hekk kif l-appellata ġiet infurmata b'dan mill-*housekeeper*, f'temp ta' ftit sigħat hija bagħtet l-ittra ta' riżenja tagħha mix-xogħol, għalkemm fl-ittra ta' riżenja tagħha hija infurmat lill-kumpannija li kienet qiegħda tittama li din it-tilwima tiġi riżolta, u għalhekk kien hemm l-opportunità li jsiru negozjati sabiex l-appellata ma titlaqx mill-impjieg. Minkejja li kien hemm l-involviment tal-*union* li l-appellata hija membru tagħha, u għal xi żmien jidher li saru taħdidiet bejn is-soċjetà appellanta u r-rappreżentant tal-appellata, dawn ma wasslu imkien, u minkejja li kien hemm l-offerta ta' somma flus għat-terminazzjoni tal-impjieg, l-appellata qieset li l-ammont offrut mis-soċjetà appellanta ma kienx aċċettabbli għaliha, u għalhekk irrifjutat li tiġbor iċ-ċekk offrut lilha bħala kumpens.

23. Il-Qorti tqis li filwaqt li huwa minnu li s-soċjetà appellanta kellha dritt li titlob lill-ħaddiema tagħha jirrappurtaw għax-xogħol f'sezzjonijiet differenti tal-kumpannija, skont kif jitolbu l-esiġenzi tax-xogħol, madanakollu l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal f'dan il-każ m'għandhomx jiġu injorati. Jirriżulta fl-ewwel lok li minkejja li l-appellata fl-ittra ta' riżenja tagħha offriet li din it-tilwima tiġi riżolta matul il-perijodu li fih hija kienet qiegħda taħdem in-*notice period* tagħha, fl-istess ħin id-diriġenti tal-kumpannija kienu qegħdin jinnegozjaw il-pakkett finanzjarju li kienu ser joffrulha sabiex hija titlaq mill-impjieg. Minn dak li qalet l-appellata, jirriżulta illi li kieku ma kienx għal dan l-episodju, fejn ntalbet mhux biss tagħmel xogħol ta' *cleaner,* iżda ntalbet saħansitra li terġa' tilbes l-uniformi ta' *cleaner,* fl-età tagħha hija ma kellha l-ebda xewqa jew intenzjoni li tħalli l-impjieg tagħha mas-soċjetà appellanta u tfittex xogħol alternattiv. It-Tribunal, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, qies li l-ordni li kienet ingħatat l-appellata mis-soċjetà appellanta, baqgħet qatt ma ġiet irtirata, minkejja li l-appellata uriet id-disponibilità tagħha għal diskussjonijiet dwar dak li ġie propost lilha, u għalhekk l-appellata kellha raġun tħossha umiljata u wara li t-talbiet tagħha għal soluzzjoni amikevoli ġew injorati, hija kienet kostretta li titlaq mill-impjieg. Jirriżulta wkoll li minkejja li Steve Vella, li dak iż-żmien kien inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-kumpannija, ipprova jispjega lill-appellata li dan kollu kien għal żmien temporanju, madanakollu esponenti oħra tal-kumpannija riedu jagħmlu offerta finanzjarja sabiex l-appellata ttemm l-impjieg tagħha. Minn dak li qal ix-xhud Maurice Calleja, jirriżulta li kien id-direttur maniġerjali tal-kumpannija li attira l-

attenzjoni tal-*management* għall-fatt li x-xogħol li kienet qiegħda tagħmel l-appellata ma kellux għalfejn isir minn tnejn min-nies, u li x-xogħol seta' jitqassam aħjar bejnha u l-*housekeeper.* Jirriżulta iżda li ħadd ma ħa ħsieb javviċina lill-appellata u jispjegalha li l-interess tal-kumpannija kien jitlob li f'perijodi partikolari ta' żmien kulħadd jiġbed ħabel wieħed għall-ġid tiegħu u ta' sħabu, u li jkun flessibbli billi jagħmel xogħol differenti minn dak li soltu jagħmel. Il-Qorti tqis li f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn ħaddiem u min iħaddmu, il-partijiet għandhom ifittxu rimedji li jsalvaw l-impjieg tal-impjegat, u li jirrenja l-buon sens. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta f'deċiżjoni fl-ismijiet **Anne Bharwani *vs.* MIM Training & Development Services Limited**[1], fejn ingħad illi:

> *"Il-linja ta' dimarkazzjoni bejn nuqqas ta' ftehim ġenwin u trattament inaċċettabbli da parti ta' min iħaddem tista' tkun fina u mhux faċli li tiddeterminaha."*

24. F'dan il-każ jirriżulta li l-unika persuna li ppruvat tipperswadi lill-appellata biex tibqa' fl-impjieg kien Steve Vella, li dak iż-żmien kien inkarigat mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tal-kumpannija, filwaqt li d-diriġenti tal-kumpannija ma tkellmux mal-appellata, iżda sempliċement offrewlha somma flus għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. Dan juri li da parti tas-soċjetà appellanta ma sar l-ebda tentattiv serju sabiex l-impjieg tal-appellata jiġi salvat. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **William Saliba *vs.* Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe**[2], il-Qorti rrikonoxxiet li l-fatt li fil-liġi Maltija

[1] 28.01.2008.
[2] 09.05.1997.

m'hemm l-ebda definizzjoni ta' *constructive dismissal,* iwassal għal sitwazzjoni fejn trid tingħata interpretazzjoni skont il-każ li jkun:

> *"Il-liġi ma timponi l-ebda forma sagramentali meħtieġa biex tipprova l-fatt li ħaddiem ikun* 'dismissed'. *Il-liġi allura tħalli spazju għall-interpretazzjoni."*

Huwa fatt li wara li l-appellata offriet ir-riżenja tagħha, ma sar l-ebda tentattiv serju da parti tas-soċjetà appellanta sabiex is-sitwazzjoni tirrisolvi ruħha, li jwassal lil din il-Qorti għall-konvinċiment li f'dan il-każ tabilħaqq kien hemm *constructive dismissal.*

25. Fis-sentenza mogħtija min din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Mizzi Limited *vs.* Michael Debono**[3], sar riferiment għall-ktieb Industrial Law ta' I.T. Smith u J.C. Wood, fejn jingħad:

> "*Although the theory behind constructive dismissal is that it is the employer who terminates the contract for statutory purposes, in practice it will usually be the employee who takes the final step by resigning and walking out, thus showing that he has accepted the employer's repudiation as concluding the contract. If the employee does not take such action, or does so after a delay, there is the danger (particularly in cases where the employer's conduct consists of a unilateral proposal to change the terms of employment) of this being construed as an agreement by the employee to a variation in the contract; if this is so there is no constructive dismissal, even if the employee later resigns. To avoid this danger, the employee should make up his mind quickly whether to leave, or, if his economic circumstances are such that he feels he has to continue working for a short period following the conduct in question, he should let it be known that he does not agree to that conduct and is working under protest."*

[3] 738/2000/DS, 02.07.2003.

26. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellata ma ħaditx tul ta' żmien biex iddeċidiet li l-istruzzjonijiet mogħtija lilha mill-kumpannija ma kienx aċċettabbli għaliha, u minkejja li tat l-ittra ta' riżenja tagħha, xorta waħda ħalliet tieqa miftuħa għan-negozjati. Min-naħa l-oħra s-soċjetà appellanta ma wriet l-ebda rieda biex tirrisolvi din il-kwistjoni, u minflok iddiskutiet mal-appellata, għamlet l-offerta ta' somma flus u ppretendiet li mingħajr diskussjoni ta' xejn mal-appellata, din tiġbor iċ-*cheque* offrut lilha u taċċetta li l-każ tagħha kien magħluq. Dan l-aġir jindika li s-soċjetà appellanta riedet ittemm l-impjieg tal-appellata, għaliex li kieku din riedet iżżommha fuq il-kotba tagħha, ċertament li kien hemm diversi modi kif din it-tilwima setgħet tiġi risolta. L-offerta ta' ħlas u t-telefonata li saret lill-appellata fejn intalbet tiġbor iċ-*cheque* offrut lilha, mingħajr ebda diskussjoni, huma l-prova meħtieġa li f'dan il-każ is-soċjetà appellanta riedet ittemm l-impjieg tal-appellata. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[kien hemm ftehim bejn il-partijiet u għalhekk ma kien hemm l-ebda lok għal proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali]*

27. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata bl-ewwel parti tad-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal, li ddeċieda li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda ftehim konkluż bejn il-partijiet. Is-soċjetà appellanta tgħid li f'dan il-każ kien hemm ftehim konkluż li ġie sottomess għall-firma tal-appellata, u li dan kien ftehim legali li ma setax jitħassar b'mod unilaterali mill-appellata.

28. Il-Qorti tirrileva li s-soċjetà appellanta kienet diġà appellat mill-imsemmija deċiżjoni preliminari tat-Tribunal, u l-appell kien sar biss dwar parti minn dik id-deċiżjoni. Dak l-appell kien instema' u ġie deċiż minn din il-Qorti kif komposta, u f'dak l-appell is-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda aggravju dwar il-parti tad-deċiżjoni preliminari li ddeċidiet dwar jekk in-negozjati bejn l-*union* li kienet imsieħba fiha l-appellata u s-soċjetà appellanta kinux jammontaw għal ftehim bilaterali jew le. Is-soċjetà appellanta ressqet appell fejn talbet biss ir-revoka parzjali tad-deċiżjoni preliminari, indikazzjoni ċara li hija kienet qiegħda taċċetta l-kumplament tad-deċiżjoni preliminari. Dan ifisser li f'dan l-istadju, is-soċjetà appellanta ma tistax tressaq appell dwar aspetti tad-deċiżjoni preliminari li għaddew in ġudikat. It-terminu għall-appell minn dawk l-aspetti tad-deċiżjoni ilu li għadda, u għalhekk il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konsiderazzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

*It-tielet aggravju: [il-komputazzjoni tal-kumpens]*

29. Is-soċjetà appellanta ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha t-Tribunal kellu jagħti spjega dettaljata dwar kif wasal għall-kumpens ta' wieħed u tletin elf u sitt mitt Euro (€31,600), li s-soċjetà appellanta tgħid li huwa ekwivalenti għal tliet snin salarju, u dan meta l-appellata kienet ilha impjegata magħha għal mhux aktar minn erba' snin.

30. Il-Qorti hawn tagħmel riferiment għal deċiżjonijiet tagħha fejn tqajjem dan l-istess punt dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni għad-deċiżjoni tat-Tribunal.

Hekk per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Publius Davison *vs.* De La Rue Currency and Security Print Limited**[4], ingħad illi:

*"... Ir-rikorrent tkeċċa inġustament u għandu jedd li jirċievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-deċiżjoni ħażina li ħa l-prinċipal. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn każijiet ta' tkeċċija inġusta għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti minn każijiet oħrajn fejn l-attur ikollu l-jedd jippretendi d-danni. Il-liġi hi ċara dwar dak li t-Tribunal għandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qiegħed jeżerċita d-diskrezzjoni għandu jispjega b'mod ċar u li jiftiehem kif u għalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-prinċipal iħallas. Id-diskrezzjoni ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura għandu jedd jippretendi t-telf li jkun sofra.*

*Ovvjament min-naħa l-oħra t-Tribunal għandu wkoll jieħu in konsiderazzjoni ċirkostanzi bħad-danni tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li tkun wasslet għat-tkeċċija. Hawn tidħol id-diskrezzjoni. Hu fatt li t-Tribunal għandu d-diskrezzjoni però din trid tkun eżerċitata b'mod raġonevoli u li tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u d-deċiżjoni tkun motivata."*

Il-Qorti tqis li huwa minnu li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fir-rigward tal-kumpens kif likwidat, hija nieqsa minn kull motivazzjoni, u li t-Tribunal għandu l-obbligu jispjega l-mod kif wasal sabiex ikkomputa d-danni li stabbilixxa li għandhom jitħallsu lill-appellata mis-soċjetà appellanta. In vista ta' dan in-nuqqas, il-Qorti tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali, sabiex fi żmien għoxrin ġurnata tingħata spjegazzjoni dettaljata dwar il-mod kif ġie kkomputat il-kumpens li għandu jitħallas lill-appellata, u dan filwaqt li tikkonferma l-kumplament tad-deċiżjoni appellata.

---

[4] 23.04.2018.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi filwaqt li qiegħda tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta, qiegħda tilqa' t-tielet aggravju u tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex dan jimmotiva b'mod dettaljat id-deċiżjoni tiegħu dwar il-*quantum* tal-kumpens kif likwidat.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal u l-ispejjeż ta' dan l-appell huma kwantu għal 80% a karigu tas-soċjetà appellanta, u kwantu għal 20% a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**